

Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-ftehimiet restrittivi u l-pożizzjoni dominanti fil-laqgħa tiegħu tal-15 ta' ġunju 2015 li tikkonċerna l-abbozz tad-deċiżjoni preliminari rigward il-Każ AT.39563(1) — L-ippakkjar tal-ikel bl-imnut

Ir-Relatur: Il-Pajjiżi l-Baxxi

(2015/C 402/05)

1. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-imġiba antikompetittiva fil-ħames kartelli koperti mill-abbozz tad-deċiżjoni tikkostitwixxi fi ftehim u/jew prattika konċertata bejn l-impriżi fit-tifsira tal-Artikolu 101 TFUE (u anki fit-tifsira tal-Artikolu 53(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE b'rabta mal-kartell fl-Ewropa tal-Majjistral(North West Europe, "NWE").
2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-analiżi tal-Kummissjoni dwar il-prodott u l-iskop ġeografiku tal-ftehimiet u/jew tal-prattiċi konċertati fir-rigward tal-ħames kartelli.
3. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-impriżi konċernati mill-abbozz tad-deċiżjoni hađu sehem fi ksur singolu separat u kontinwu, fir-rigward ta' trays tal-plastik foam polystyrene kif ukoll, b'rabta biss man-NWE, trays tal-plastik polypropylene riġidi, fit-tifsira tal-Artikolu 101 TFUE (kif ukoll fit-tifsira tal-Artikolu 53(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE b'rabta man-NWE).
4. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-ftehimiet u/jew il-prattiċi konċertati fil-ħames kartelli għandhom bħala għan ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni fit-tifsira tal-Artikolu 101 TFUE (kif ukoll fit-tifsira tal-Artikolu 53(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE b'rabta man-NWE).
5. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-ftehimiet u/jew il-prattiċi konċertati fil-ħames kartelli separati kienu kapaċi li jaffettwaw sew il-kummerċ bejn l-Istati Membri tal-UE u l-partijiet kontraenti tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (b'rabta man-NWE).
6. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-Kummissjoni għandha ġurisdizzjoni territorjali biex tapplika l-Artikolu 101 TFUE (u l-Artikolu 53(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE b'rabta man-NWE).
7. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-analiżi tal-Kummissjoni dwar kemm dam il-ksur fir-rigward tal-ħames kartelli separati.
8. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni rigward lejn min hija indirizzata d-deċiżjoni fir-rigward tal-ħames kartelli separati.
9. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li għandha tkun imposta multa fuq min huwa indirizzat l-abbozz tad-deċiżjoni fir-rigward il-ħames kartelli separati.
10. Il-Kumitat Konsultattiv jirrakkomanda l-pubblikazzjoni tal-opinjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.